Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data

Information and Data Protection Appeals Tribunal

# TRIBUNAL TAL-APPELLI DWAR L-INFORMAZZJONI U L-PROTEZZJONI TAD-DATA

## Appell Numru 5/2018

Din l-Art Ħelwa

Vs

Awtorita tal-Ippjanar

Deċiżjoni 12 ta' Frar 2019

Chairman: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (Lond), Dip.Tax
Membri : Mr Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)
Mr David Bezzina HNDip C.S., BSc IT (Hons)

**THE INFORMATION AND DATA PROTECTION APPEALS TRIBUNAL**
Mizzi House, National Road,
Hamrun
Email: bryony.bartolo@gov.mt

Scanned by CamScanner

It-Tribunal

Ra l-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar mid-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data tas-16 ta' Mejju 2018 li permezz tagħha kien ordna lill-istess Awtorita sabiex tipprovdi lil din l-Art Ħelwa *'full access to the requested reports and minutes'* and ordnat lill Awtorita sabiex *'to give the applicant the opportunity to inspect the reports and minutes of the three (3) minutes by not later than twenty (20) working days from receipt of this decision. A date when the inspection of the documents is to be carried out shall be jointly established and agreed between the Public Authority and the applicant. It is being recommended that the Public authority sets a deadline by when such inspection shall be affected and confirmation of the action taken shall be notified to the Commissioner immediately thereof."* Izda ma ghandhiex tipprovdi kopja tal-*letter of engagement 'of the various conservation architects engaged by the authority to prepare the assessment reports'* .

L-aggravji tal-Awtorita huma tnejn:

1. Li l-ewwel raġuni tar-rifjut mogħtija mill-Awtorita ma kienitx motivata mill-Kummissarju u għalhekk tali deċiżjoni hija nieqsa minn motivazzjoni sobrija bi ksur lampanti tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom dak tas-smiegħ xieraq.

   Li l-Kummissarju kellu talba quddiemu ai temini tal-artikoli 30(1), 29, 30 u 36(3) (a) tal-Freedom of Information Act u l-Aarhus Convention u fid-deċiżjoni tiegħu xejn minn dan ma semma l-Kummissarju.

2. It-tieni agravju huwa l-Kummissarju għamel applikazzjoni u interpretazzjoni għal kollox żbaljata tal-artikolu 5(3)(b) tal-freedom of Information Act u dana stante li l-liġi tal-Ippjanar ma ssemmix li anke l-laqgħat tal-Kunsill Eżekuttiv meta qed jikkonsidra proposta ta' skedar dawn għandhom isiru fil-pubbliku u għalhekk anke l-minuti ta' dawn il-laqgħat huma wkoll jibqgħu interni u l-iżvelaw tagħhom huwa eżentat that l-artikoli 5(3)(b) u l-artikolu 36(1) tal-Freedom of Information Act .

Ra r-risposta tal-appell ta' Din l-Art Ħelwa li permezz tagħha qed titlob li dan l-appell jiġi respint u dan għas-segmenti raġunijiet:

l-Awtorita qatt ma ġie miċħud lilha d-dritt ta' smiegħ xieraq u l-Kummissarju kkonkluda li tenut kont tal-ispirtu tal-liġi tal-Ippjanar ossia l-prinċipji ta' trasparenza u kontabilita huwa fl-interess pubbliku li l-esponenti jkollha aċċess għal minuti u rapport rikjesti.

Rigward it-tieni agravju Din l-Art Ħelwa ssostni li l-Kap 553 tal-Ligijiet ta' Malta cioe l-att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp l-fatt li ma jsemmix li l-laqgħat tal-Kunsill Eżekuttiv dwar skedar huma miftuħa għal pubbliku ma jfissirx li huwa eskluzi milli jiġu ppublikati kif qed tikkontendi l-Awtorita iżda kif kkonkluda l-Kummissarju li kieku verament dan kien il-każ kieku l-liġi kienet tispeċifika dan fl-istess att.



Scanned by CamScanner

Fatti tal-Każ

Din l-Art Ħelwa talbet lill-Awtorita tal-Ippjanar is-segwenti informazzjoni:

I. *All assessment reports/information referred to by the Planning authority in the letter dated 11th January 2018 refusing scheduling of villa St Ignatius Scicluna Street St Julians;*
II. *Copies of the minutes of the three (3) meetings of the executive council referred to in the said letter*
III. *Letter of engagement of the various conservation architects engaged by the authority to prepare the assessment reports.*

L-awtorita tal-ippjanar irrifjuta tali talba u Din l-Art Ħelwa talbet lil Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data u fid-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2018 l-Kummissarju ddeċieda billi laqa' l-ewwel żewġ talbiet ta' Din l-Art Ħelwa u ċaħad it-tielet talba.

Ra fil-mori dan it-Tribunal ġie infurmat minn Din l-Art Helwa li d-dokumenti rikjesti jinsabu għad-dispożizzjoni tagħhom u ma għadx għandhom interess f'dawn il-proċeduri u fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2019 l-avukat ta ' Din l-Art Ħelwa ddikjara li ma fadallux iżjed interess f'dawn il-proċeduri stante li l-assessment reports by various conservation architects gew susssegwentement ottenuti kif spjegat f'email tal-21 ta' Dicembru 2018.

Ra li l-Awtorita tal-Ippjanar minkejja dan fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2019 insistiet li hija xorta waħda tixtieq li jkun hemm deċiżjoni tal-appell intavolat minnha u infurmaw lil dan it-tribunal li llum il-ġurnata tali informazzjoni ġiet preżentata fil-proċeduri bejn din l-Art Ħelwa u l-Awtorita tal-Ippjanar quddiem il-prim Awla tal-Qorti Civili per Imħallef Grezzju Mercieca fejn l-Awtorita ppreżentat dawn id-dokumenti f'din il-kawża u b'hekk ġew disponibbli lil Din l-Art Ħelwa.

Ra l-provi mressqa mil-partijiet u sema l-partijiet jittrattaw l-appell u jikkonferma li l-informazzjoni rikjesti ġiet preżentati mill-Awtorita tal-Ippjanar fi proċeduri ċivili li hemm bejn il-partijiet.

**Ikkunsidra**

Dwar l-ewwel agravju cioe li:

Li l-ewwel raġuni tar-rifjut mogħtija mill-Awtorita ma kienetx motivata mil-Kummissarju u għalhekk tali deċiżjoni hija nieqsa minn motivazzjoni sobrija bi ksur lampanti tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali fosthom dak tas-smiegħ xieraq. Li l-Kummissarju kellu talba quddiemu ai temini tal-artikoli 30(1), 29, 30 u 36(3) (a) tal-Freedom of Information Act u l-Aarhus Convention u fid-deċiżjoni tiegħu xejn minn dan ma semma l-Kummissarju.

Kif ġie konstata fil-ġurisprudenza tagħha dak li huwa meħtieġ huwa li l-partijiet ikunu f'pożizzjoni li jagħrfu r-raġuni li waslet biex it-talbiet /eċċezzjonijiet/l-aggravji tagħhom ikunu qed jiġu akkolti jew respinti. ***(vide Prim Awla sede Kostituzzjonali per Imh felice John Tanti vs Avukat Ġenerali 17.6.2014)***.



Scanned by CamScanner

Dan it-Tribunal jissolleva wkoll li li "*The requirement of fairness covers the proceedings as a whole and not only those in oral hearing. The question of whether a person has had a fair hearing is thus approached by looking at the whole proceedings although a particular incident may have a decisive effect*" (article 6 of the European Convention on human rights – The right to a fair Trial ta' Andrew Grotrian.

Mill-atti jirrizulta li l-Kummissarju mexa kif obbligat li jimxi skond il-liġi cioe li bagħat għal veduti tal-Awtorita u l-Awtorita rrispondiet lil Kummissarju fl-ittra tagħha tad-19 ta' Marzu 2018 u anke talab laqgħa mal-Awtorita appellanti .

Li l-Kummissarju fid-deċiżjoni tiegħu tas-16 ta' Mejju 2018 l-Kummissarju isemmi r-raġunijiet li tagħtu l-Awtorita f'para 8 tad-deċiżjoni għar-rifjut tagħha u għalhekk ma jistgħax jingħad li l-Kummissarju ma semmiex x'kienu dawn ir-ragunijiet tal-Awtorita appellata.

Li l-konkluzjoni tal-Kummissarju f'para 18 tal-istess decizjoni hija bazata fuq dak li gie sottomess lilu miż-żewġ partijiet u dan kif imsemmija fl-istess deċiżjoni tiegħu u mhux talli hija motivata iżda talli l-Kummissarju jikkonkludi u jispjega għaliex l-Awtorita ma kellhiex raġun.

Għaldaqstant dan l-agravju qed jiġi miċħud.

Dwar it-tieni agravju:

It-tieni agravju huwa l-Kummissarju għamel applikazzjoni u interpretazzjoni għal kollox żbaljata tal-artikolu 5(3)(b) tal-Freedom of Information Act u dana stante li l-ligi tal-Ippjanar ma ssemmix li anke l-laqgħat tal-Kunsill Ezekuttiv meta qed jikkonsidra proposta ta' skedar dawn għandhom isiru fil-pubbliku u għalhekk anke l-minuti ta' dawn il-laqgħat huma wkoll jibqgħu interni u l-iżvelaw tagħhom huwa eżentat that l-artikoli 5(3)(b) u l-artikolu 36(1) tal-Freedom of Information Act .

Illi dan it-Tribunal jagħmel distinzjoni bejn il-minuti f'dan il-każ ta' tlett laqgħat ordnati mil-Kummissarju u l-evaluation reports.

Illi skond l-Kap 496 tal-Ligijiet ta' Malta l-artiklu 35 (2) jaghmilha cara li : "*A document may be withheld in accordance with the provisions of this Part only if it contains matter in relation which the public interest that is served by non-disclosure outweighs the public interest in disclosure.*

L-artiklu 36 tal-istess Kap jagħmilha ċara li:

*36(1) subject to article 35 and to subarticles (2) and (3) hereof, a document is an exempt document if its disclosure under this Act would disclose matter in the nature of, or relating to, opinions, advice or recommendations obtained, prepared or recorded or consultations or deliberation that has taken place in the court of or for the purpose of the deliberative processes involved in the functions of the Government or another public authority.*
*(2) subarticle (1) shall not apply to a document by reason only of purely factual information contained in the document.*



Scanned by CamScanner

*(3) subarticle (1) shall not apply to:*
*(a) reports (including reports concerning the results of studies, surveys or tests) of scientific or technical experts whether employed by a public authority or not including reports expressing the opinions of such experts on scientific or technical matters; or*
*(b) the record of or a final statement of the reasons for a final decision given in the exercise of a power or of an adjudicative function.*
*(4) in subarticle (3) the term "scientific or technical expert" shall be construed as excluding senior managers in public authorities.*

L-artikolu 2 tal-istess Kap jiddefinixxi *'exempt document' bħala a document which is not subject to disclosure under this Act in accordance with Parts V and VI.*

Din l-Art Ħelwa qed titlob assessment reports by various conservation architects liema rapporti l-Awtorita pprezentathom quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili iżda xorta għadha tikkontendi li tali dokumenti huma dokumenti li l-Awtorita hija eżentata milli tagħti aċċess għalihom u tikwota l-artikolu 5(3)(b) tal-Kap 496 li jgħid: *This Act shall not apply to documents in so far as such documents contain information the disclosure of which is prohibited by other law.* Skond l-Awtorita appellant la l-ligi tal-ipjanar ma ssemmiex li l-laqghet tal-Kunsill Eżekuttiv meta jikkonsidra proposta ta' skedar għandhom isiru fil-pubbliku, dan jirrendi l-proċess wieħed intern u għalhekk kull ma jiġi diskuss u kull minuta reġistrata fl-istess proċess huwa minuta u diskussjoni interna li l-izvelar tagħhom hu eżentat taħt l-artikolu 5(3) u 36(1) tal-Kap 496 tal-ligijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal għalhekk filwaqt li jagħti raġun lill-Awtorita meta tgħid li hija ma għandhiex tagħmel aċċessibbli l-minuti ta' dawn il-laqgħat, ma jaqbilx iżda mal-argument tal-Awtorita appellant r-rapporti li saru minn dawn il-conservation architects huma dokument eżentat a fini tal-Kap 496. Tali rapporti jekk wieħed jara l-artikolu 36 kkwotat hawn fuq, ma jaqgħux taħt it-tifsira ta' exempt documents stante li dawn huma reports (including reports concerning the results of studies, surveys or tests) of scientific or technical experts whether employed by a public authority or not including reports expressing the opinions of such experts on scientific or technical matters; art 36(3)(a) tal-istess Kap 496.

Kif ġie ritentut fil-każ ***Case T-264/04 WWF European Policy Programme v Council*** (2007) ECR II-911 at para 76: "*The concept of a document must be distinguished from that of information. The public's right of access to the documents of the institutions covers only documents and not information in the wider meaning of the word and does not imply a duty on the part of the institutions to reply to any request for information from an individual.*"

Għaldaqstant dan it-Tribunal ma jikkunsidrax il-minuti tal-laqgħa bħala document mhux eżenti stante li ma jaqgħax taħt it-tifsira ta' document pubbliku u għalhekk qed jilqa' parti mill-appell tal-Awtorita.

U fil-kaz ***T-121/05 Borax Europe Ltd v Commission*** (2009) II-27 (sum Pub) (Order of 11 March 2009) paras 68 and 70: "*While the Community legislature has provided for a specific exception to the right of public access to the documents of the Community institutions as regards legal advice, it has not done the same for other advice in particular scientific advice, such as that expressed in the recordings at issue… It follows that scientific opinions obtained by an institution for the purpose of the preparation of legislation must, as a rule, be disclosed, even if they might give rise to controversy or deter those who expressed them from making*



Scanned by CamScanner

*their contribution to the decision-making process of that institution. "* (sottolinear ta' dan it-Tribunal).

Illi l-Awtorita tal-Ippjanar hija awtorita pubblika u aċċessibbli għal publiku u kif ġie ritenut fil-każ ***Case C-506-08 P Sweden v Commission*** 21 July (2011) l-nyr "*openness in this regard that contributes to conferring greater legitimacy on the institutions in the eyes of European citizens and increasing their confidence in them by allowing divergences between various points of view to be only debated. It is in fact rather a lack of information and debate which is capable of giving rise to doubt in the minds of citizens not only as regards the lawfulness of an isolated act but also as regards the legitimacy of the decision-making process as a whole. "*

Bl-accessibilita tar-rapporti li saru hija l-fehma ta' dan it-Tribunal li tali rapporti jaqgħu taħt it-tifsira ta' dokumenti pubbliku li huwa fl-interess pubbliku li l-pubbliku jkollu aċċess għalih tenut kont li l-materja ta' konservazzjoni hija materja ta' interess pubbliku.

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi dan it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi billi :**
**(a) Jilqa' in parte l-Appell tal-Awtorita tal-Ippjanar fir-rigward id-deċiżjoni tal-Kummissarju tas-16 ta' Mejju 2018 rigward il-minuti tal-aħħar tlett laqgħat u**
**(b) jichad l-Appell tal-Awtorita tal-Ippjanar ghar-rigward l-access tar-rapporti li saru mill-esperti mqabbda minn l-istess Awtorita fir-rigward ta' Villa St Ignatius Scicluna Street San Giljan u**
**(c) qed jikkonferma dik il-parti tad-deċiżjoni tal-Kummissarju għall-Informazzjoni u Protezzjoni tad-Data tas-16 ta' mejju 2018 li fiha ċaħad it-talba ta' Din l-Art Ħelwa għal letter of engagement of the various conservation architects engaged by the authority to prepare the assessment reports u laqa' t-talba għal assessment reports mitluba u jirrevokaha kwantu għad-deċiżjoni tiegħu li jordna lill Awtorita tipprovdi kopja tal-minuti tat-tlett laqgħet li saru mill-Kunsill Eżekuttiv tal-istess Awtorita**

Dr. Anna Mallia
Chairperson

Mr. Charles Cassar
Membru

Mr. David Bezzina
Membru



Scanned by CamScanner